MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 23/2005

**George Xuereb u Connie Lia**

**Vs**

**Antonella Vassallo, Tonio Bonello u Mario Xuereb, dan l-ahhar bhala Editur Registrat ta' Net Television**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami u li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati prevja okkorrendo dikjarazzjoni illi l-konvenuti jew min minnhom responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront ta'l-atturi f'rappurtagg li sar fuq kaz li ghadu sub-judice waqt xandira tal-programm "Arena" fuq l-istazzjoni NET Television nhar il-15 ta' Ottubru 2004 (traskrizzjoni relattiva rilevanti giet annessa mal-avviz u markata bhala Dok GX1) stante li l-istess rappurtagg huwa malafamanti, libelluz u ghalhekk intiz sabiex itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tal-istess atturi kif ser jirrizulta ahjar waqt it-

trattazzjoni tal-kawza, ihallsu lil kull wiehed mill-atturi dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta). Bl-ispejjes u bl-interessi legali legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti imsemmi fl-istess avviz u anness a fol 2 tal-atti, kif market bhala Dok GX1.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 18 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi l-konvenut Tonio Bonello mhux azzjonabbli taht il-Ligi dwar l-Istampa (Art. 23 tal-Kap. 248)
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi:
(a) l-kliem mxandra huma previleggjati a tenur tal-Art. 33 (d) tal-Kap. 248.
(b) L-kliem imxandra jammontaw ghall-'fair comment' dwar fatti sostanzjalment korretti.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, kif xehdu l-istess atturi (fol 22, fol 44 u fol 26 et seq ibid rispettivament) fid-data msemmija fl-avviz, kien gie trasmess il-programm bl-isem "Arena' fuq l-istazzjon hemm imsemmi. Fl-istess trasmissjoni li fid-data in kwistjoni, kien jittratta dwar uzura, kienu issemmew zewg kazijiet partikolari b'wiehed minnhom l-kaz tal-istess atturi li kien ghadu pendenti "sub judice" quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali. Fl-istess program,difatti, kien gie allegat li l-atturi huma involuti f'self ta' flus bl-uzura, li jinvolvi reat kriminali. Difatti huma kienu qed joggezzjonaw ghal dak li ntqal fil-konfront taghhom u skond kif traksritt mid-dokument a fol 2 tal-atti. Din l-oggezzjoni kienet tirreferi ghall-fatt illi l-kaz taghhom kien ghadu pendenti quddiem il-Qorti kompetenti, kif di gja

ntqal u "… kienu saru biss allegazzjonijiet" fil-konfront taghhom. Difatti, kif jidher mill-istess traskrizzjoni, saret referenza ghal xhieda li nghatat quddiem l-stess Qorti minn Maria Fatima Mifsud u fl-istess programm kienu ssemmew l-atturi bhala persuni li selfu flus lil din il-mara u dan b'uzura.

Difatti l-atturi qedin jghidu li din hi malafama fil-konfront taghhom u "… l-publiku li ra dan il-programm seta' jifhem illi dak li allegat Maria Fatima Mifsud kien veru fil-konfront …" tal-atturi. Dwar dan l-attur filfatt sema' kazijiet ta' kummenti u reazzjonijiet ohra li saru fil-konfornt tieghu minn xi persuni li kienu raw dan il-programm. L-istess, filfatt ghamlet l-attrici fix-xhieda taghha specjalment in rigward membri tal-familja taghha u inkonnessjoni ma' riperkussjonijiet li seta' kellha fix-xoghol taghha f'dar tal-anzjani.

Ikkunsidrat

Illi, kif di gja sar accenn ghalih fit-trasmissjoni inesami, li kienet qed tittratta u tinvestiga kazijiet ta' uzura hawn Malta, kienet saret referenza ghax-xhieda li nghatat, quddiem il-Qorti kompetenti minn Maria Fatima Mifsud. Dwar l-istess xhieda, l-atturi ppresentaw l-istess xhieda, kif traskritta quddiem il-Qorti u li tinsab a fol 47 et seq ibid.

Ikkunsidrat

Illi wara li giet annessa mal-atti it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Maria Fatima Mifsud l-atturi permezz ta' Simon Manicolo (fol 59 et seq ibid) esebew ukoll kopja tal-programm kollu u li tinsab a fol 61 ibid.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut Tonio Bonello spjega (fol 62 u fol 63 ibid) illi kien hu li kiteb l-"script' tal-programm inesami u kien ibbaza dan fuq rappurtagg li kien sar, tal-kaz kriminali fil-konfront tal-attur fuq gazzetta lokali, li kopja taghha hemm esebita a fol 64 ibid.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi ghandu jigi rilevat minnufih illi, mill-istess provi u dwar il-konvenut, Tonio Bonello, jidher li bhala dak li “ex admissis” kien il-persuna li kitbet l-“script” tal-istess program, hu azzjonabbli bhala l-awtur skond l-artikolu 23 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat

Illi hawnhekk ser issir referenza ghall-artikolu 33(d) tal-istess Kapitolu u li fih jinghad illi l-ebda azzjoni ma’ tista’ tigi proposta f’dak li jirrigwarda “publications of reports of any proceedings in a Court of Justice in Malta, provided such reports are fair reports of the proceedings and the publication of such reports or proceedings is not prohibited by law or by the Court”

Illi, mill-istess dokument esebit mill-atturi a fol 2 jidher b’mod car illi:-

a) hemm referenza cara illi l-kaz in esami kien jinvolvi x-xhieda li nghatat quddiem il-Qorti minn Maria Fatima Mifsud f’proceduri kriminali kontra l-atturi akkuzati principalment ta’ self ta’ flus b’uzura fil-konfront tal-istess mara.
b) Mit-traskrizzjoni tal-istess xhieda in atti a fol 47, Maria Fatima Mifsud, quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala wahda ta’ Gudikatura Kriminali, irrakkontat u tat il-versjoni taghha tal-fatti dwar kif kien sar self ta’ flus da parti taghha minghand l-attur u dwar kif is-somma mislufa telghet b’mod esorbitanti ghall-ammont hemm indikat u kif l-istess xhud kienet kostretta tesercita bhala prostituta sabiex tkun tista trodd lura l-istess flejjes anke minn dak il-flus li kienet tippercepixxi bhala ghajnuna socjali, beneficcju tal-mard u ‘children’s allowance’.
c) L-istess xhieda giet sintetizzata mill-gazzetta “L-Orizzont” kif jidher a fol 64 ibid, liema sintezi tidher li fis-sustanza tirrifletti dak li xehdet fit-tul, l-stess Maria Fatima Mifsud.
d) A bazi ta’ din is-sintezi, kien gie trattat dan il-kaz ta’ uzura fil-programm inesami u jidher car li anke hawnhekk,

jidher car illi s-sintesi kif traskritta a fol 2 tal-atti tirrifletti is-sustanza tax-xhieda integrali moghtija quddiem il-Qorti. Mill-istess sintesi, jidher car illi qed issir referenza ghal xhieda moghtija quddiem il-Qorti bi zball, f'dettal, dwar l-istadju li kienu waslu l-proceduri kriminali.  Anke, hawnhekk is-sintezi tal-istess xhieda tidher li, fis-sustanza tirrefletti dak li xehdet l-istess mara quddiem il-Qorti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-artikolu 33(d) tal-Kaptiolu 248 gja citat jghid illi pubblikazzjoni ta' rappurtagg ta' proceduri fil-Qorti ma humiex azzjonabbli basta jigu sodisfatti zewg kundizzjonijiet ossija:

a) li tali rapport jkun "fair' u;
b) li ma hemm ebda divjet ta' publikazzjoni ta' tali rapport jew tal-proceduri ordnat mill-ligi jew mill-Qorti.

Illi, kif di gja inghad, is-sintesi kif trasmessa fl-istess programm tirrifletti, <u>fis-sustanza</u>, dak li effettivament xehdet il-mara msemmija u ghalhekk ghandu jigi konsiderat bhala "a fair report" skond l-artikolu citat.

Illi, mill-provi, bl-ebda mod ma irrisulta illi kien hemm xi divjet jew projbizzjoni kif hemm rikjest fl-istess artikolu.

Illi, ghalhekk, dak li qed jilmentaw bih l-atturi f'dan il-kaz ghandu jigi konsiderat bhala "privilieggjat u b'hekk mhux azzjonabbli.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talbiet attrici waqt li tilqa' it-tieni (2) eccezzjoni sottomessa mill-konvenuti.  In rigward l-ispejjes, dawn jithallsu, kollha kemm huma, mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------